



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 2135/2013 imressqa minn Alda la Rosa, ta' ċittadinanza Taljana, dwar ħsara lill-ambjent li se tiġi kkawżata mill-kostruzzjoni ta' awtostrada Broni-Stroppiana fil-Lombardija (fl-Italja)**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jipprotesta kontra l-kostruzzjoni tal-awtostrada Broni-Stroppiana fiż-żona Lomellina Pavese. Hu jindika, b'mod partikolari, li s-sezzjoni bejn Castello d'Agogna u Stroppiana se tgħaddi minn Risaie della Lomellina, li hi żona ta' protezzjoni speċjali. Ir-Risaie della Lomellina, li għandha fawwariat naturali, hi waħda mill-akbar żoni ta' art mistagħdra fil-Lombardija u titqies ta' importanza naturali speċjali, b'mod partikolari minħabba l-fatt li hija l-ambjent naturali għal waħda mill-aktar popolazzjoni ta' għasafar sinifikanti lokali u migratorji fl-Italja, u fil-fatt fl-Ewropa kollha.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-5 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ntabet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

#### Il-kummenti tal-Kummissjoni

Il-petizzjonant ma jipprovdi informazzjoni u dettalji adegwati dwar il-kwistjoni li jqajjem u ma jagħtix indikazzjoni liema dispożizzjonijiet speċifiċi tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE ma kienux rispettati u fuq liema raġunijiet. L-Annessi tekniċi li huma msemmija fit-test tal-petizzjoni ma ġewx ipprovduti lill-Kummissjoni Ewropea.

Mill-informazzjoni disponibbli fuq il-websajt tal-awtoritajiet ambjentali nazzjonali, jidher li l-proġett għadu fil-fażi ta' valutazzjoni<sup>1</sup> u li ġew mitluba integrazzjonijiet speċifiċi.

L-Artikoli 6(3) u 6(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KE<sup>2</sup> tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (Direttiva tal-Habitats) jiddefinixxu l-proċedura li għandha ssir mill-awtoritajiet nazzjonali qabel ma jiġu approvati pjanijiet jew proġetti li x'aktarx ikollhom impatt sinifikanti fuq sit tan-Natura 2000 (Sit ta' Importanza għall-Komunità jew Żona ta' Protezzjoni Speċjali). L-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli għall-evalwazzjoni ta' proġett, jekk dan aktarx li jkollu impatt sinifikanti fuq l-ispeċi u l-habitats li għalihom kien stabbilit is-sit, u jekk dan ikun il-każ, biex isegwu l-proċedura definita fid-Direttiva qabel l-approvazzjoni tal-proġett.

### Konklużjoni

Skont l-informazzjoni inkluża f'din il-petizzjoni, il-Kummissjoni Ewropea ma tistax tara kwalunkwe ksur tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE mill-awtoritajiet Taljani f'dan l-istadju.

---

<sup>1</sup> <http://www.va.minambiente.it/it-IT/Oggetti/Info/542>.

<sup>2</sup> Ġ.U. L206, 22.07.1992.